MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2011

Numru. 127/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Anthony Xerri**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmi Anthony Xerri bin Emanuel u Dolores neé Camilleri, imwieled fl-14 ta' Mejju 1984 u residenti fil-fond Dorman, Triq il-Wardija, Qala, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 20484(G) li gie akkuzat talli qabel l-4 ta' Dicembru 2010

ghall-habta ta’ 7:15hrs gewwa Triq tac-Cawl, Qala, Ghawdex;

**1.** bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ David Paul Mcdonagh weggghu bi kliem, gesti jew b’xi mod iehor;

**2.** u aktar talli gieghel kelb li jappartjeni lil David Paul Mcdonagh isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn hekk kif iccertifika Dr. Frank Galea.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

**Ikkunsidrat;**

ILLI filwaqt li mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-imputat Anthony Xerri bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ David Paul Mcdonagh wegghu bi kliem, gesti jew b’xi mod iehor, jirrizulta li l-imputat gieghel kelb li jappartjeni lil David Paul Mcdonagh isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq meta tah daqqa ta’ sieq. Jirrizulta li l-imputat ta daqqa ta’ sieq lill-kelb in kwistjoni u dana kif ccertifika l-Veterinarju Dr. Frank Galea.

ILLI l-Qorti mhijiex konvinta xejn minn dak li xehed l-imputat meta qal li huwa laqat il-kelb ghax kien ghaddej minn magenbu. Irrizulta li bid-daqqa ta’ sieq moghtija, il-kelb kien qed jitlef id-demm, kien mugugh u bezghan u kien qed jghajjat bl-ugiegh. Dan xehdu l-Veterinarju Dr. Frank Galea li ra l-kelb dakinhar stess tal-4 ta’ Dicembru 2010 bejn l-10.00am u 12.00pm.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni fuq nuqqas ta’ provi, wara li rat Artikolu 8(2) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u tikkundannah ghal multa ta’ mitejn u hamsin Euro (€ 250.00).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------